# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar il-31 ta' Awwissu 2023**

**Rikors Nru : 313/2023 JPG**

**Kawza Nru : 34**

**AB**

**U**

**SB**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors kongunt tal-partijiet datat l-1 ta' Gunju 2023 a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-kontendenti żżewġu nhar it-tlieta (3) ta' Ġunju tas-sena elfejn u tmintax (2018) – ċertifikat taż-żwieġ anness u markat **Dok 'A'**.*

2. *Illi minn dan iż-żwieġ twieled wild wieħed, BS, li twieled f'X u li għadu minorenni.*

3. *Illi l-partijiet isseparaw legalment minn xulxin in forza ta' kuntratt datat id-disgħa ta' Novembru tal-elfejn u tnejn u għoxrin (09/11/2022) in atti tan-Nutar Dottor Annemarie Seywell – kopja annessa u markata **Dok 'B'**.*

4. *Illi ma hemm ebda prospett raġjonevoli għar-rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet.*

5. *Inoltre, qed jiġi kkonfermat li ma hemm ebda arretrati ta' manteniment dovuti.*

6. *Illi għalhekk jikkonkorru l-elementi kollha rikjesti mil-liġi għall-ħall taż-żwieġ u għad-divorzju tal-partijiet.*

*Għaldaqstant, ir-rikorrenti AB u SB nee' A jitolbu bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

1. *Tiddikjara ż-żwieġ tagħhom bħala maħlul u li l-partijiet huma divorzjati għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi;*

2. *Tordna lir-Reġistratur tal-Qorti javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet fi żmien hekk akkordat minnha biex dan ikun reġistrat fir-Reġistru Pubbliku skont il-liġi;*

   *u dan taħt kull provvediment xieraq u opportun li jogħġobha tagħti din l-Onorabbli Qorti.*

Rat illi r-rikors promotur, l-atti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew notifikati skond il-ligi;

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**AB xehed** (vide affidavit fol 20) illi l-partijiet izzewgu nhar it-3 ta' Gunju 2018 u minn dan iz-zwieg krllhom tifel. Sostna illi huma sseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Annmarie Seywell datat nhar id-9 ta' Novembru 2022. Xehdet illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni u lanqas ma hemm ebda manteniment dovut bejn il-partijiet.

**SB nee' A** (vide affidavit fol 21) u kkonfermat u kkorraborat max-xhieda ta zewgha.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***
>
> ***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***
>
> ***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***
>
> ***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***
>
> ***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm***

***maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-3 ta' Gujnu 2018, liema zwieg jgib certifikat numru 1493/2018 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 3). Minn dan iz-zwieg twieled tifel.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt konsenswali, ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Annmarie Seywell nhar id-9 ta' Novembru 2022 (Vide fol 4 et seqq.). Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Il-partijiet affermaw illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 1493/2018 u tordna lir-**

**Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jigu divizi bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**